**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 27 ta' Marzu 2015 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

# GĦALL-UŻU TAL-EŻAMINATURI

## 1. Hemm limiti għal-libertà tal-espressjoni?

- Ħafna jemmnu li hemm limiti, għax il-libertà "żejda" ta' xi ħadd tmiss, jew aħjar tnaqqas il-libertà ta' ħaddieħor.
- Għaliex ġew ikkundannati tista' tgħid minn kulħadd l-attakki terroristiċi fuq il-karikaturisti u l-awturi tar-rivista Franċiża *Charlie Hebdo*?
- Fl-istess ħin, għaliex kien hemm ħafna, fosthom f'Malta, li waqt li kkundannaw bla tlaqliq it-terroriżmu u kull forma ta' vjolenza, tkellmu kontra ċerta satira, ċerta karikatura meqjusa bħala offensiva?
- Tista' tikkritika lil xi ħadd mingħajr ma toffendih? Mingħajr ma tqanqallu rabja kbira?
- Il-kritika dejjem hemm ir-riskju li tqanqal reazzjoni kuntrarja.
- F'Malta taħseb li għandna suġġetti sensittivi ħafna, li trid toqgħod attent jew attenta ħafna kif titkellem fuqhom?
- Taqbel li hemm affarijiet li qatt m'għandek tgħid, avolja tkun temmen fihom (dik li nsejħulha "korrettezza politika")?

## 2. Ix-xiri minn fuq l-internet

- Skont studju li sar dwar in-negozju fi żmien il-Milied li għadda, kien hemm tnaqqis fil-bejgħ mill-ħwienet minħabba x-xiri minn barra minn Malta permezz tal-internet. X'taħseb fuq hekk?
- Għaliex taħseb li l-Maltin qed jixtru dejjem aktar minn fuq l-internet? Għax iktar faċli, kemm tagħfas ftit buttuni fuq it-tastiera mingħajr ma tinqala' minn fejn tkun? Għax iktar għandek għażla? Għax il-prodotti huma irħas?
- X'inhuma l-oġġetti li qed jinxtraw l-aktar minn fuq l-internet?
- Fejn jidħlu l-ħwejjeġ u ż-żraben, x'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi jekk tixtri minn fuq l-internet?
- Taħseb li x-xiri minn fuq l-internet qed isir vizzju iktar milli bżonn? Taħseb li ż-żgħażagħ jużaw l-internet iktar mill-kbar għax-xiri? Jew din mhix kwistjoni ta' età?
- X'inhuma l-vantaġġi li tmur tixtri minn ħanut?
- Hemm dimensjoni soċjali li ma teżistix meta tixtri minn fuq l-internet. Taqbel?
- Apparti li donnu faċilment jista' jsir vizzju, x'inhuma l-perikli l-oħra tax-xiri bl-internet?

## 3. Persuna li tiżbalja darba trid tibqa' mtebbgħa għal dejjem?

- Il-każ tal-plejer Ched Evans, il-plejer Ingliż li qed jiskonta sentenza fl-Ingilterra minħabba li nstab ħati ta' stupru, qanqal ħafna dibattitu f'Malta. Għaliex?
- Lil hinn minn dan il-każ partikulari, taħseb li xi ħadd li jkun żbalja għandu jibqa' mtebba' għal għomru b'dak l-iżball?
- Hemm żbalji li ma jistgħu jinħafru jew jintesew qatt?
- Hemm żbalji li minħabba n-natura tagħhom, min jagħmilhom hemm il-possibilità li jerġa' jagħmilhom?
- Taħseb li għandna nżommu f'moħħna l-gravità tal-iżball li tkun wettqet persuna meta niġu biex niddeċiedu jekk aħniex se nibqgħu niftakru jew nagħtu kas x'għamlet fil-passat?

- Ħafna nies jemmnu li għandna noqogħdu b'seba' għajnejn meta persuna tkun instabet ħatja ta' reati fuq tfal jew persuni oħrajn li huma vulnerabbli aktar minn ħaddieħor. Taqbel?
- Dan ifisser li l-persuna li tkun żbaljat ma' dawn in-nies tibqa' bl-istigma tas-soċjetà għal għomorha?
- Nitkellmu ħafna dwar l-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà tal-ħabsin. Is-sistema tal-"parole," li sikwit tiġi diskussa fil-mezzi tax-xandir, tgħin f'dan id-dħul lura fis-soċjetà ta' min ikun żbalja. Kif tista' taħdem din is-sistema jekk is-soċjetà tibqa' żżomm dak li jkunu għamlu l-ħabsin fil-komma?

**4. It-terroriżmu jista' jwassal għal soluzzjoni?**

- Is-servizzi tal-aħbarijiet huma ddominati minn diskors dwar it-terroriżmu. Taħseb li l-mezzi tal-informazzjoni jagħtu wisq attenzjoni lil dawn l-avvenimenti tant koroh iżda fl-istess ħin spettakolari?
- Jissemma wkoll il-biża' li dan it-terroriżmu jista' jmiss anki lil Malta jew lil interessi Maltin, ħaddiema u intrapriżi, barra minn Malta, speċjalment fil-Libja. Taħseb li dan huwa biża' bla bżonn?
- Kemm taħseb li l-mezzi tax-xandir, bis-servizzi qosra ħafna tagħhom dwar dan is-suġġett, jistgħu jgħinuna biex nifhmu realtajiet u sitwazzjonijiet verament kumplessi?
- Xi jfisser għalik "terroriżmu"?
- Id-definizzjoni li jagħtu d-dizzjunarji hija din: L-użu kkalkolat tal-vjolenza (jew it-theddida tal-vjolenza) kontra l-popolazzjoni ċivili (mhux kontra l-forzi tal-ordni) biex tilħaq miri politiċi, reliġjużi jew ideoloġiċi; dan isir billi tintimida jew iġġiegħel lil xi ħadd jagħmel dak li ma jridx, jew tqanqal il-biża' fih.
- It-terroriżmu u l-kriminalità huma l-istess ħaġa?
- It-terroriżmu huwa bħal kull tip ieħor ta' vjolenza mhux ġustifikata?
- Min jiddeċiedi x'inhu terroriżmu u x'mhuwiex?
- Min jiddeċiedi jekk persuna hix terrorista jew attivista li qed tiġġieled għal kawża ġusta?
- Taħseb li l-mezzi tax-xandir fl-Ewropa għandhom ħabta jassoċjaw it-terroriżmu, kultant anki bla ma jridu, mal-Iżlam?
- It-terroriżmu ħafna drabi huwa marbut ma' kawża, kultant anki kawża ġusta. Taħseb li din hija kontradizzjoni kbira? Li ma tagħmilx sens?
- Tista' taħseb f'kawżi ġusti li minħabba fihom hemm min irrikorra għat-terroriżmu?
- Ngħidu aħna, il-kawża ta' poplu maħkum inġustament minn poplu ieħor?
- Hemm ukoll il-kawża ta' grupp ta' nies li jqisu ruħhom bħala vittmi ta' grupp ieħor, aktarx akbar u iktar b'saħħtu minn tagħhom. Dan issejjaħlu "terroriżmu"?

*aqleb*

## 5. Il-problema tat-traffiku f'pajjiż żgħir

- Minkejja li l-popolazzjoni ta' Malta hija biss ta' madwar 424,000 ruħ, hawn madwar 316,000 vettura (fl-2013 kien hawn 315,875). Kważi 80% huma karozzi privati. 14.5% huma vetturi kummerċjali u 5% biss huma muturi.
- Il-karozzi tal-linja u l-vannijiet li jġorru n-nies huma inqas minn 1%.
- Mill-karozzi li ngħataw liċenzja ġdida, 45% kienu ġodda waqt li 55% kienu karozzi użati. Taħseb li dan jista' jaffettwa l-ambjent, il-kwalità tal-arja?
- Il-Maltin saru ferm iktar konxji tat-traffiku bħala problema kbira fil-ħajja ta' kuljum. X'inhuma l-konsegwenzi ta' dan it-traffiku kollu?
- Xi konsegwenzi li jissemmew: Ħela ta' ħin; tensjoni u frustrazzjoni; tniġġis ambjentali akbar (tniġġis akustiku u tal-arja); il-ħtieġa ta' toroq ġodda u t-tiswija tat-toroq li għandna; ħela ta' petrol u diesel; spiża akbar għall-fuel...
- Il-loġika tgħidlek li pajjiż tant żgħir bħal Malta għandu jkollu ferm inqas vetturi. Taqbel?
- Taħseb li sistema tat-trasport pubbliku aħjar issolvi l-problema tat-traffiku?
- Jew parti kbira mill-problema hi li l-Maltin iridu l-karozza tagħhom, u l-karozza hija simbolu ta' status soċjali għalihom?
- Tgħid il-Maltin iffissati fil-karozzi, jew din esaġerazzjoni?
- X'inhuma l-alternattivi għall-karozzi privati li jniġġsu, apparti t-trasport pubbliku?
- Xi mezzi alternattivi li jissemmew u ġa jeżistu: Il-karozzi elettriċi, "hybrid," il-muturi, ir-roti, il-mixi…
- Fl-2013, madwar tliet mitt karozza biss kienu "hybrid," li jużaw l-elettriku u l-petrol. Għaliex il-Maltin ma jixtrux iktar minn dan it-tip ta' karozzi?
- Taf b'pajjiżi żgħar oħrajn li għandhom l-istess problema ta' traffiku?

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2015

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 30 ta' Marzu 2015 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

# GĦALL-UŻU TAL-EŻAMINATURI

## 1. Il-Mobile: Mezz ta' Komunikazzjoni

- Inti kif tużah il-mobile?
- X'inhuma l-vantaġġi tal-użu tal-mobile għalik?
- Illum il-mobile huwa għodda li ma tużahiex biss biex iċċempel jew tibgħat u tirċievi l-messaġġi. X'tista' tagħmel iżjed bih?
- Jissemmew dawn il-faċilitajiet: Tista' tieħu r-ritratti, tiffilmja, tirrekordja l-ħoss, taqbad mal-internet, tixgħel lampa fid-dlam, tisma' l-mużika... X'iżjed?
- Ma' xiex tassoċjah l-iżjed il-mobile minn dawn il-faċilitajiet u mezzi kollha?
- Tibża' li l-mobile jista' jtellef il-komunikazzjoni bejn tnejn min-nies li jinsabu maġenb xulxin? Jew taħseb li dan huwa preġudizzju tal-kbar?
- Timmaġina dinja mingħajr il-mobile?
- Tħossok iktar libera jew liberu mingħajr il-mobile?
- Fil-verità skont il-Ġnus Magħquda hawn iktar minn biljun ruħ li m'għandhomx aċċess għal mobile. Iżda hawn iktar nies li m'għandhomx aċċess għal toilet.
- Mobile huwa wkoll piż finanzjarju fuqna: biex nixtruh, biex nużawh, biex nibdluh. Taqbel?
- Taħseb li hawn nies li jridu jaħdmu iżjed biex ikunu jistgħu jħallsu għall-użu tal-mobile?
- Bil-mobile aħna aktar esposti għas-sorveljanza elettronika sigrieta li ssir fuq iċ-ċittadini kollha. Tagħti kas ta' dan?
- F'dan is-sens, taħseb li l-ħajja privata tagħna hija aktar mhedda bil-mobile?
- Jew dan għandu jinkwieta biss lill-kriminali?

## 2. Il-Vot għaż-Żgħażagħ ta' Sittax-il Sena fl-Elezzjonijiet

- Taħseb li ż-żgħażagħ ta' sittax-il sena huma lesti biex jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali?
- Hemm min jargumenta li f'Malta aħna diġà ossessjonati biżżejjed bil-politika, u għalhekk m'għandniex ninvolvu liż-żgħażagħ fil-politika meta jkun għad għandhom biss sittax-il sena. X'jidhirlek int?
- Iż-żgħażagħ jimpurtahom biżżejjed minn dak li jkun qed jiġri fil-lokalità tagħhom u l-kunsill li jmexxiha?
- Taħseb li f'dik l-età ż-żgħażagħ huma medhijin aktar b'affarijiet oħrajn li huma tipiċi tal-età u l-proċess ta' żvilupp individwali tagħhom?
- X'differenza hemm bejn l-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali u l-elezzjonijiet nazzjonali?
- Taħseb li għandhom jivvutaw fl-elezzjonijiet ġenerali?
- Jekk huma midħla tal-kwistjonijiet fuq livell lokali mhumiex midħla wkoll tal-kwistjonijiet fuq livell nazzjonali?
- Hemm min jgħid li ta' sittax, iż-żgħażagħ mhumiex maturi biżżejjed biex jivvutaw, la fl-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali u lanqas fl-elezzjonijiet nazzjonali.
  X'inhu dak li jiddetermina l-maturità ta' persuna?
- L-età?
- L-esperjenza tal-ħajja?
- Min għandu d-dritt jiġġudika l-maturità ta' ħaddieħor?
- Taħseb li ż-żgħażagħ għandhom jivvutaw fir-referendums li jsiru, bħar-referendum dwar il-kaċċa fir-rebbiegħa?

## 3. L-istipendju tal-istudenti: jgħin jew ifixkel?

- Taqbel mas-sistema tal-istipendju għall-istudenti kollha fil-livell postsekondarju u terzjarju Malti?
- Taħseb li l-flus f'idejn l-istudenti jistgħu jtellfuhom mill-istudju?
- Taħseb li hawn studenti li minħabba l-qagħda tagħhom jew tal-familja tagħhom ma jkunux jistgħu jlaħħqu mal-ispejjeż jekk ma jingħatawx stipendju?
- Malta hija wieħed mill-ftit pajjiżi li jagħti din l-għajnuna lill-istudenti. Taħseb li jiflaħ għaliha l-pajjiż finanzjarjament?
- L-istipendju qed jingħata wkoll lil studenti li jirrepetu. Taqbel?
- Fl-2014, 1,181 student u studenta fil-livell postsekondarju u terzjarju ngħataw stipendju waqt li kienu qegħdin jirrepetu s-sena. L-ispiża għall-Gvern kienet ta' aktar minn nofs miljun ewro. Dan l-investiment f'dawk li qed jirrepetu jagħmel sens?
- Dan l-istipendju ma jingħatax b'mod awtomatiku iżda skont jekk l-istudenti li jkunu qegħdin jirrepetu ikunux għamlu sforz fis-sena ta' qabel. Taqbel?
- Hemm studenti li jingħataw għotja supplimentari minħabba ċirkustanzi bħal dħul baxx, diżabilità u mard. Taħseb li dawn biss għandhom jirċievu stipendju?
- Tissemma s-sistema li l-istipendju jeħduh biss dawk li l-familja tagħhom m'għandhiex biżżejjed mezzi biex tgħin lil uliedha jistudjaw. Taqbel li għandna nikklassifikaw l-istudenti skont dak li jaqilgħu l-ġenituri tagħhom?
- Jekk il-ġenituri ma jkunux iridu jgħinu lil uliedhom jistudjaw x'jiġri?
- Għalfejn taħseb li gvern jagħti stipendju lill-istudenti?

## 4. Żgħażagħ li jirreċtaw fit-teatru u fuq it-televiżjoni

- Għaliex taħseb li ħafna żgħażagħ jinteressaw ruħhom fil-palk?
- X'tip ta' sodisfazzjon isibu f'din l-attività, f'din l-arti?
- Hemm żgħażagħ li jirreċtaw ukoll f'sensiliet televiżivi. X'jiġbidhom lejn dan it-tip ta' xogħol?
- Taħseb li ż-żgħażagħ li jirreċtaw fuq it-televiżjoni jingħataw biżżejjed taħriġ fil-qasam tad-drama televiżiva qabel ma jibdew jieħdu sehem f'sensiliet popolari?
- Dawn iż-żgħażagħ taħseb li jkunu lesti għall-attenzjoni li jingħataw minħabba li jidhru fuq it-televiżjoni?
- Ġieli tkun ukoll attenzjoni negattiva ta' min irid jagħmlilhom il-ħsara?
- Hemm ukoll ħafna żgħażagħ li jinvolvu ruħhom fit-teatru tar-raħal jew il-belt tagħhom, ngħidu aħna fil-pageants tal-Għid jew f'xogħol teatrali mtella' mill-għaqdiet tal-lokal. Inti tieħu sehem?
- Taf żgħażagħ li jieħdu sehem?
- X'jiġbidhom lejn dan it-tip ta' impenn?
- Jeħdilhom ħafna ħin?
- Taħseb li hu ħin moħli?
- Isibu appoġġ min-naħa tal-familja u l-ħbieb tagħhom?
- Hemm ukoll għadd dejjem jikber ta' żgħażagħ li jitgħallmu d-drama fi skejjel apposta, ħafna minnhom istituzzjonijiet privati, ġieli b'affiljazzjonijiet ma' skejjel simili barra minn Malta. Taf bihom dawn l-iskejjel?
- Taf min imur f'dawn l-iskejjel?
- Kif inhuma differenti dawn l-iskejjel mill-għaqdiet teatrali li hemm fil-lokalitajiet differenti madwar Malta?
- Hemm ukoll l-iskola nazzjonali tad-drama fi Blata l-Bajda. Ġieli smajt biha?

- X'inhuma l-ħiliet li titgħallem mid-drama?
- Bilfors trid tkun attur jew attriċi prima biex tinvolvi ruħek fid-drama?
- Jew id-drama hija attività li, b'mod jew ieħor, jista' jinvolvi ruħu fiha kulħadd?

## 5. Il-Festival tal-Kanzunetta tal-Eurovision

- Hemm il-kompetizzjoni li ssir f'Malta biex jintgħażlu dawk li jirrappreżentaw lil Malta u hemm il-Festival tal-Kanzunetta tal-Eurovision innifsu. It-tnejn huma avveniment segwiti ħafna f'Malta. Għaliex taħseb?
- Hemm min imaqdar kemm il-kompetizzjoni li ssir f'Malta kif ukoll il-festival tal-Eurovision innifsu. Għaliex taħseb? X'jaraw ħażin fihom?
- Wieħed mill-argumenti kontra l-importanza kbira li jingħata lill-festival tal-Eurovision huwa li l-livell tal-mużika u l-lirika huwa baxx u għalhekk il-mużiċisti u l-awturi Maltin m'għandhomx jaħlu ħafna enerġija fih.
- Argument ieħor huwa li l-votazzjoni hija falza minħabba li l-pajjiżi ġirien jivvutaw għal xulxin. Studju li sar minn esperti f'żewġ universitajiet f'Londra sab li dan mhuwiex għalkollox minnu: Ċerti pajjiżi jivvutaw għal xulxin "minħabba lealtajiet ibbażati fuq il-kultura, il-ġografija, l-istorja, u l-migrazzjoni." Iżda dawn il-lealtajiet mhumiex biżżejjed biex irebbħu pajjiż.
- L-istudju sab li l-ħila mużikali waħedha mhix biżżejjed, imma lanqas ma hi irrelevanti. Taqbel?
- Hemm min iqis is-sehem ta' Malta fil-Eurovision sempliċiment bħala reklam kbir għal pajjiżna. Taqbel li hu reklam tajjeb għal Malta?
- Jew irridu nirbħu l-festival biex nagħmlu reklam tajjeb?
- Argument ieħor kontra s-sehem ta' Malta fil-Festival tal-Kanzunetta tal-Eurovision huwa li l-ħajja mużikali f'Malta hija ddominata s-sena kollha minn dan il-festival mhux ta' livell u t-tħejjijiet tal-kompożituri u l-kantanti għalih. Taqbel?
- Argument favur is-sehem ta' Malta fil-Festival tal-Kanzunetta tal-Eurovision huwa li l-pajjiż jingħaqad biex jagħti l-appoġġ tiegħu lir-rappreżentanti Maltin. Veru?

**AM 22/ok1.15m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 27 ta' Marzu 2015 |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## HEMM LIMITI GĦAL-LIBERTÀ TAL-ESPRESSJONI?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/ok1.15m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 27 ta' Marzu 2015 |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IX-XIRI MINN FUQ L-INTERNET

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/ok1.15m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 27 ta' Marzu 2015 |

**(10 marki)**

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## PERSUNA LI TIŻBALJA DARBA TRID TIBQA' MTEBBGĦA GĦAL DEJJEM?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/ok1.15m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 27 ta' Marzu 2015 |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IT-TERRORIŻMU JISTA' JWASSAL GĦAL SOLUZZJONI?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

AM 22/ok1.15m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 27 ta' Marzu 2015 |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# IL-PROBLEMA TAT-TRAFFIKU F'PAJJIŻ ŻGĦIR

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/ok2.15m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 30 ta' Marzu 2015 |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-MOBILE: MEZZ TA' KOMUNIKAZZJONI

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 30 ta' Marzu 2015 |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# IL-VOT GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ TA' SITTAX-IL SENA FL-ELEZZJONIJIET

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 30 ta' Marzu 2015 |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## L-ISTIPENDJU TAL-ISTUDENTI: JGĦIN JEW IFIXKEL?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 30 ta' Marzu 2015 |

**(10 marki)**

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## ŻGĦAŻAGĦ LI JIRREĊTAW FIT-TEATRU U FUQ IT-TELEVIŻJONI

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/ok2.15m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 30 ta' Marzu 2015 |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-FESTIVAL TAL-KANZUNETTA TAL-EUROVISION

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2015

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | I |
| **DATA:** | 16 ta' Mejju 2015 |
| **ĦIN:** | mid-9.00 a.m. sa nofsinhar |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

## TAQSIMA A
## Il-Komponiment
(15-il marka)

*Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti. F'dan it-taħriġ iridu jintwerew il-kreattività u l-ħila tat-tifsir tal-ħsieb bl-ordni, b'mod ċar, u bi stil idjomatiku.*

a. L-influwenza tal-moda fuq ġenerazzjonijiet differenti.

b. Il-perikli tal-ivvjaġġar bl-ajru.

ċ. Id-dilemmi l-kbar tal-ewtanasja.

d. L-istorja tirrepeti ruħha, jew tkompli?

e. L-annimali eżotiċi f'Malta.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B
## It-Taqsira
(5 marki)

*Qassar din is-silta fi kliemek f'paragrafu wieħed ta' madwar 100 kelma:*

Il-kelma "edukazzjoni" fl-aktar sens wiesa' tagħha, tfisser il-proċess sħiħ ta' żvilupp li minnu jgħaddu l-bnedmin minn ċkunithom sakemm jikbru u jimmaturaw biex jaddattaw ruħhom għall-ambjent soċjali ta' madwarhom. F'dan il-proċess, il-bnedmin jiksbu għerf, kapaċitajiet, snajja', użanzi, valuri u fehmiet biex isiru membri utli tas-soċjetà.

Fl-ewwel fażi tal-iżvilupp tal-umanità, it-tfal u ż-żgħażagħ kienu jieħdu l-ewwel tagħlim u taħriġ tagħhom billi jimitaw lill-kbar. Meta mbagħad il-ħajja żviluppat aktar u l-bnedmin ivvintaw l-ittri biex jiktbu u jaqraw, infetħu skejjel apposta biex jagħtu tagħlim formali. Għat-tagħlim tas-sengħa ma kienx hemm bżonn ta' skejjel. L-apprentisti kienu jmorru u jitgħallmu ma' xi ħadd li kien jaf is-sengħa sew.

Sal-lum il-bnedmin għadhom jieħdu dawn iż-żewġ tipi ta' edukazzjoni: dik informali u dik formali. Tal-ewwel tittieħed mill-ħajja ta' kuljum, mingħand il-ġenituri u mingħand in-nies li jgħixu qrib. Bil-ftit il-ftit, tarbija minn ċkunitha titgħallem fehmiet, drawwiet u valuri li jgħinuha tifforma karattru. It-tagħlim formali jingħata f'istituzzjonijiet organizzati apposta, b'għalliema li jgħallmu l-kitba, il-qari, is-somom, il-lingwi, il-letteratura, l-arti, il-mużika, ix-xjenza, il-filosofija, l-isport, u tant affarijiet oħra.

It-tagħlim formali, fiż-żminijiet tal-lum, jitqies bħala wieħed mill-jeddijiet fundamentali tal-bniedem. Ħadd m'għandu jkun miċħud minnu, irġiel jew nisa, fqar jew għonja, huma ta' liema razza jew twemmin huma. F'bosta pajjiżi nbniet sistema ta' tagħlim maqsuma fuq tliet livelli: dik primarja, dik sekondarja u dik terzjarja. L-iskop ewlieni li jrid jintlaħaq minn kull gvern hu li tal-anqas jagħti tagħlim primarju u sekondarju lil kull persuna. Għandha tingħata wkoll għajnuna lil dawk l-istudenti li jkunu mħajra u jkunu kapaċi jkomplu bl-istudji ogħla fl-universitajiet u f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni terzjarja.

Illum, meta nħarsu madwarna u naraw tant tfal u żgħażagħ, ġuvintur u xebbiet, sejrin kuljum lejn l-iskejjel, bilkemm jirnexxilna nemmnu li d-dritt għat-tagħlim, għal eluf ta' snin kien miċħud lill-kotra l-kbira tal-bnedmin. Kien biss fis-seklu għoxrin li t-tagħlim formali ma baqax miftuħ biss għal ftit nies ixxurtjati iżda ngħata lil kulħadd.

(Addattata minn *Għadma minn Għadmi* ta' Angela Callus)

## TAQSIMA Ċ
## Il-Lingwistika Maltija
(10 marki)

*Wieġeb mistoqsija* ***waħda****:*

a. L-ilsien Malti huwa l-ilsien nazzjonali, filwaqt li l-Malti u l-Ingliż huma t-tnejn ilsna uffiċjali. Iddiskuti l-importanza taż-żewġ ilsna fil-ħajja ta' kuljum.

b. George Farrugia jikteb li "lsienna huwa lsien imħallat, ilsien iffurmat minn elementi lingwistiċi differenti li lkoll flimkien isawru l-Malti ta' żmienna." Iddiskuti b'eżempji xierqa.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2015

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | II |
| **DATA:** | 16 ta' Mejju 2015 |
| **ĦIN:** | mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m. |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
## Il-Poeżija tas-Seklu XX
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

1. Il-poeżija Maltija tħares lejn il-ġens Malti bħala familja, bis-sabiħ u bil-problemi kollha li jinqalgħu bejn il-membri tagħha. Iddiskuti r-rappreżentazzjoni ta' Malta f'poeżiji minn epoki differenti tal-letteratura Maltija.

2. L-imħabba hija esperjenza ewlenija li fiha l-poeti Maltin isibu l-milja tal-personalità tagħhom u l-kawża tal-kriżi tagħhom. Iddiskuti b'liema modi huma jesprimu din il-qagħda.

## TAQSIMA B
## Monografiji Poetiċi
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

1. Pawlu Aquilina jinqeda bix-xejriet tan-natura biex jitkellem dwar il-qagħda tal-bnedmin. Iddiskuti.

2. Fl-isfond tal-poeżija ta' Pawlu Aquilina, hemm sikwit l-esperjenza tiegħu fi ħdan il-familja bħala dik il-ġemgħa ta' persuni li fihom jinstabu l-kwalitajiet sbieħ tal-ħajja kollha. Iddiskuti.

3. Waħda mill-preokkupazzjoniet ewlenin fil-poeżija ta' Maria Grech Ganado hija dwar ir-relazzjonijiet sikwit diffiċli bejn il-mara u r-raġel. X'inhuma l-għodod letterarji ewlenin li tuża biex tesplora dawn ir-relazzjonijiet?

4. Il-poeżija ta' Maria Grech Ganado hi mnebbħa sikwit mir-relazzjoni kumplessa tal-bnedmin mal-ambjent naturali li fih jgħixu. Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ**
**Il-Kritika Letterarja (Poeżija)**
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta'* ***waħda*** *minn dawn iż-żewġ poeżiji.*

*Agħmel stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa dwar il-poeżija li tagħżel, skont ix-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħha. Il-poeżija għandha tkun analizzata fiha nfisha bħala xogħol sħiħ, daqskemm biċċa biċċa bħala ġabra ta' elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Għandha tingħata importanza ewlenija lill-unità tal-poeżija, lill-metrika, lit-tqassim tal-istrofi, lix-xejriet tal-frażjoloġija, lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-metafori u lill-għażla tal-kliem.*

(a) **Dal-Blat Qalil**

Bil-qamar jiżfen f'għajnejk għarwenin
slitna bil-mod il-kliem minn ġo ruħna u
perriċnieh bħal ħwejjeġ ġodda u strambi
f'karozza mtappna ħdejn dan il-blat qalil.

Hekk sirt nafek, b'idi ġo xagħrek,
ittarrafli trufijiet minn ħajtek,
titlaqhomli sparpaljati ħdejn rasi,
bħal stilel rari fit-tlieta ta' filgħodu.

Hekk sirt nafek, b'idi ġo xagħrek
iswed, bħal-lejl li daħal fina dakinhar,
artab, bħal sigriet sħun li tgeddsu miegħek
sakemm jibred, jgħejjik u tinsieh.

Claudia Gauci

**JEW**

(b) **Tifkira**

*Lil ommi*

Meta kont għadni tfal
u f’ħoġrok kont insib kulma nixtieq,
niftakar, darba minnhom,
fil-wens tal-bitħa sajfija
għad-dell tal-lewża għammilija,
ħarġet minn fommi l-mistoqsija:
“Meta mmutu, bilfors il-ġenna
rridu mmorru, ma?
Għaliex ma nibqgħux dejjem hawn
ingawdu l-kenn li tagħti din il-bitħa?”

Niftakar sew tjubitek għax,
kif rajtni mħassba żżejjed
fuq problema ta’ dis-sura
qbadt qtajtli fil-qasir:
“La mmutu mmorru fejn irridu,”
għedtli, “u jien u int fil-bitħa nerġgħu lura.”

U issa jien li kbirt, u sibt
il-kenn f’hoġor ħaddieħor,
u issa li inti tlaqt
u taf tassew tweġibli l-mistoqsija,
tinsinix minn fejn tinstab
sabiex fil-waqt li mfassal hemm għalija,
inkun nista’ nagħraf dik it-triq moħbija
li twassal ħdejk, fil-ġenna tat-tfulija.

Lillian Sciberras

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2015

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | III |
| **DATA:** | 18 ta' Mejju 2015 |
| **ĦIN:** | mill-4:00 p.m. sas-7:00 p.m. |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
## Id-Drama
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

1. F'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant, Andrea I jgħid li l-ambizzjoni tiegħu hi li jibqa' siewi. "Li jkolli xogħol li jippermettili nħaddem xi ideat tiegħi." Jixtieq ukoll li jilħaq flok il-President, iżda jgħid lil Portelli li "Din mhijiex ambizzjoni assoluta." Kemm taħseb li l-ġrajjiet tad-dramm jikkonfermaw jew jiċħdu dawn l-istqarrijiet ta' Andrea I?

2. Waħda mit-temi li jesplora d-dramm *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant hija dik tal-verità, il-ħabi u l-gideb. Bil-mod il-mod, id-dramm jikxef il-fatt li l-karattri mhux dejjem jgħidu l-verità, jew il-verità kollha. Għaliex jagħmlu dan?

3. Fil-bidu tad-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer, Ġorġ jgħid lil Menz li n-nies fil-belt "ma jqumux," u mbagħad jgħolli leħnu biex jgħid: "Dawn ma jqumu qatt." Ikkummenta.

4. Fid-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer, Oliver Friggieri jgħid li bħala mara, Tereża "tidħol bħala l-figura ta' ommu. Hija figura ideali li Menz iħares lejha fil-għoli fejn tinsab." Iddiskuti din il-fehma ta' Friggieri.

## TAQSIMA B
## In-Narrattiva
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

1. Meta ħareġ il-ktieb *Ħala taż-Żgħożija* ta' Lino Spiteri l-ewwel darba fl-1970, wieħed mill-kummentaturi, Joseph Agius, qal li dawn in-novelli huma "stampa tassew realistika" tal-Maltin ta' żmienu: "il-kilba għall-flus, ir-regħba għall-pożizzjoni soċjali, l-invażjoni mill-barrani, il-problemi tal-miżżewġin..." Taħseb li Spiteri jagħfas iżjed fuq dawn ir-realtajiet milli fuq il-binja tal-karattri?

2. Minħabba t-taqlib personali li jġarrbu jew is-sitwazzjoni tas-soċjetà li jgħixu fiha, uħud mill-karattri ta' *Ħala taż-Żgħożija* ta' Lino Spiteri jagħżlu li jaħarbu mir-realtà jew jirrifjutaw li jarawha. Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

3. Ikteb dwar il-funzjonijiet differenti tal-karattri nisa b'rabta mal-karattru prinċipali ta' Leli fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer.

4. Ir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer jissuġġerixxi li fl-injoranza hemm il-ħamrija tal-isfruttament waqt li l-mixja lejn l-għarfien twassal lill-bniedem biex jifhem u jaġixxi. Iddiskuti.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Proża)
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta'* ***waħda*** *minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża.*

*F'dan it-taħriġ m'għandhiex tingħata t-taqsira tas-silta magħżula. Is-silta ta' proża għandha tkun mistħarrġa fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Għandha tingħata importanza ewlenija lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-binja sintattika tas-sentenzi, lit-tonalità, lir-ritmu li fiha, lill-għażla tal-kliem, u lil kulma jirrendiha letterarja.*

**(a)**

Lil missieri konna kollha tlaqnielu minbarra Mustafà li żżewweġ u baqa' joqgħod miegħu. Matul dik l-emoraġija ta' wlied, darba waħda biss rajtu jeħodha bi kbira. Meta kien telaq Muħammad, ħija l-kbir nett. Donnu kien jaf li mhux ser jerġa' jarah b'għajnejh iktar. Il-missirijiet mid-dehra jkunu jafu. Xi ħaġa minn ġewwa teħbirhom. Forsi qalbhom. Forsi fwiedhom. Jew forsi xi organu sigriet imwaħħal f'qiegħ il-paternità ttormentata. Ma nistax nitħaddet fuq hekk, ġa indikajt li qatt ma kont missier. Ma rridx naqa' fin-nassa ta' Mustafà. Dakinhar, meta telaq Muħammad, missieri kien patta għad-dmugħ li ma ried joħroġlu b'xejn aħna u nidfnu lil ommi taħt trab l-assenza dejjiema. Wara dawk iż-żewġ imġibiet kontra xulxin ta' missieri, kont qtajtha li jekk ma tkunx missier, qatt ma tkun taf fiċ-ċert xi jbikki u x'ma jbikkix missier.

"X'kien jgħid?", erġajt staqsejtu jiena, u għall-ewwel darba wara li miet missieri.

"Daqqa fejn hu Nabil. Daqqa kemm ħa jdum ma jiġi jarani, u hekk. Fl-aħħar ġimgħat ilsienu nħall f'daqqa u beda jgħid ħafna affarijiet. Ġieli bis-sens u ġieli bla sens. Ma tafx int kif kien? Issa m'hemmx x'tagħmel. Itlob għal ruħu. Allaħ jaħfirlu u jagħtih il-mistrieħ."

"Allaħ jaħfirlu u jagħtih il-mistrieħ," irrepetejt warajh illuppjat, filwaqt li d-dinja bdiet titfa' ħarsitha fuq il-parti ġdida mikxufa minn laħmi.

Miet missieri. L-iktar raġel li kont naf, u l-iktar raġel li ma kontx naf. Filli eqreb lejja minn nifsijieti, u filli oċean bla daqs jifridni minn miegħu. Meta kont żgħir, Allaħ waħdu biss jaf kemm kien iwerwirni x-xebh fiżiku ta' bejnietna. L-istess wiċċ. l-istess għajnejn. L-istess xagħar. L-istess ġbin u mnieħer. L-istess manjieri u ħafna affarijiet oħra viżibbli u mhux viżibbli.

(Minn *L-Eżodu taċ-Ċikonji* ta' Walid Nabhan)

**JEW**

**(b)**

Il-*land-rover* waqfet bi twerżiqa tal-brejkijiet, imsammra mal-art. Miż-żewġ naħat qabżu erbat irġiel bl-uniformi u ġrew lejn il-ġgajta nies miġbura fuq il-bankina. Tlieta minnhom tferrxu mat-triq b'idhom fuq il-għant tal-ġilda u r-raba' wieħed resaq lejn in-nies. Sakemm wasal ħdejhom ħares lejn l-oħrajn u għatta t-tbissima li nibtitlu fuq ħaddejh; issa li ċerti li t-twegħir għadda ħassewhom aktar jistgħu juru s-setgħa tagħhom ġejja mill-pistoli mrassin f'posthom; wieħed minnhom għadu ġdid fjamant kont taħlef li lest ixejjer daqqa ta' karatè ... Aiiee! u nofs l-imħażen tal-faċċata jaqgħu borra.

– Agħmlu l-wisa' – qal kif qorob ħdejhom.

– Żulu għax ġie s-surġent – qal xi ħadd biex jagħmilha tal-bniedem tal-bon ordni.

– Ġa ċempilna għat-tabib – qal ieħor li mid-dehra kien hu li ċempel l-Għassa.

– Tajjeb – qal is-Surġent u niżel kokka lejn il-midrub, ċert li ma jista' jagħmillu xejn imma għall-anqas iħares ftit fil-ġerħa, nofs b'kurżità għax ġrieħi bħal dawn mhux ħaġa ta' kuljum, nofs biex juri s-setgħa tiegħu quddiem dan-nies u li qed iwettaq dmiru.

Xi ħadd qal li wasal it-tabib, u s-Surġent, wiċċu mqarras mid-dehra tal-ġerħa donnha ħalq miftuħ, qam u feraq il-miġemgħa. It-tabib għadda minn nofshom, qallu biex iferrex in-nies u beda jinvista lill-midrub.

– L-ambulanza kif għadha ma ġietx? – staqsa t-tabib minn fejn kien.

Dak il-ħin in-nies reġgħet għamlet il-wisa' u s-Surġent lemaħ lill-Ispettur Grima, jiekol minn fuq ras kulħadd, dieħel bil-ħarsa gravi tiegħu.

– Ibgħat lil kulħadd lil hemm – qallu u niżel kokka ħdejn it-tabib.

Is-Surġent beda jgħajjat, it-tliet pulizjotti ġew jgħinuh u bis-sewwa jew bid-dnewwa l-kotra tferrxet, min lejn l-imħażen biswithom, min lejn il-garaxx, ħdejn il-karozzi pparkjati, min lejn l-art moxa kollha ħaxix ħażin imsebbel.

– Ħażin ħafna – qal it-tabib lill-Ispettur. – Irridu niġru bih lejn l-isptar ... dil-ferita ta' *bullet.*

Donnha bi tweġiba l-arja sħuna tar-riħ isfel inqasmet bit-tinwiħ ta' sirena u t-tabib u l-Ispettur ħarsu lejn it-tarf l-ieħor tal-isqaq. L-ambulanza għaddiet minn għala l-karrozzi pparkjati u waqfet erba' passi 'l bogħod minnhom. Ħarġu żewġ infermiera, fetħu l-bieba ta' wara u bdew jiġbdu l-istreċer.

Qisu f'tiġrija magħhom, l-Ispettur kellem lis-Surġent u għamlu tpinġija bil-ġibs fuq is-siment tal-bankina madwar il-midrub sieket. L-Ispettur għamel sinjal b'rasu lit-tabib u t-tabib beda jmexxi lill-infermiera huma u jerfgħu lill-midrub biex ma jħarrkuhx aktar milli meħtieġ.

Sa ma ġie l-maġistrat, il-miġemgħa kienet żdiedet, il-pulizija l-ġdid kien għeleb xi darbtejn il-ħajra li jxejjer id-daqqiet tal-karatè, u l-Ispettur Grima kien fela l-isqaq kollu b'għajnejh, mill-bieb tal-mastrudaxxa u t-tieqa magħluqa ta' fuq sal-bjut tal-imħażen biswitu.

(Minn "Il-Qtil ta' Sqaq il-Ħorr" ta' Frans Sammut)